MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1094/2000/1

**Professur Ian Refalo bħala prokuratur speċjali għannom u in rappreżentanza tal-kumpannija estera *Plant Chemical Engineering AG, Mauren***

***Versus***

***Blaschem (Malta) Limited***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas tal-bilanċ tal-prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata lis-soċjetà konvenuta.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attriċi kienet bigħet apparat elettriku u mekkaniku u xi *parts* u aċċessorji lill-konvenuta b'dan illi l-ħlas kellu jsir fuq żewġ kontijiet, wieħed f'dollari amerikani u l-ieħor f'liri taljani. Is-soċjetà konvenuta għamlet xi ħlasijiet iżda fadlilha tagħti erbgħa u disgħin miljun, ħames mija u disat elef u mitejn lira taljana (LIT 94,509,200) fuq kont wieħed u tnejn u erbgħin elf, tliet

mija u ħamsa u tmenin dollaru ($ 42,385) fuq il-kont l-ieħor.

Billi għalxejn sejħet lis-soċjetà konvenuta biex tħallas, l-attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti tikkundanna lill-konvenuta tħallasha l-bilanċi fuq imsemmija, flimkien ma' l-imgħax mid-data tal-fatturi sa meta jsir il-ħlas, u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' ittra uffiċjali u mitt lira (Lm100) spejjeż oħra biex saret il-kawża.

Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. ma għandhiex tagħti dak li qiegħda titlob is-soċjetà attriċi għax uħud mill-fatturi ippreżentati mill-attriċi huma żbaljati u fihom ħwejjeġ illi jew ġà kienu mħallsa jew li kienu tniżżlu f'fatturi oħra maħruġa qabel;

2. ma għandhiex tagħti dak li qiegħda titlob is-soċjetà attriċi wkoll għax fil-fatturi huwa mitlub il-prezz ta' ħwejjeġ li kienu tal-konvenuta stess, u għalhekk din ma għandhiex tħallas tagħhom; u

3. ma għandhiex tagħti dak li qiegħda titlob is-soċjetà attriċi ukoll għax parti mill-apparat konsenjat mill-attriċi ma kienx tal-kwalità miftiehma u ma jaħdimx kif għandu jaħdem.

Il-qorti sejra tqis il-kontestazzjonijiet imressqa mis-soċjetà konvenuta fin-nota ta' eċċezzjonijiet tagħha, u mhux dawk imressqa waqt ix-xhieda tad-direttur tal-konvenuta waqt ix-xhieda tiegħu, partikolarment dwar jekk tassew sarx il-ftehim imsemmi fiċ-ċitazzjoni illi l-ħlas isir parti f'dollari amerikani u parti f'liri taljani, u dwar jekk intbagħtitx merkanzija li ma kinitx ordnata, jew aktar milli kienet ordnata, u li tagħha qiegħed jintalab ħlas. Ngħaddu għalhekk biex inqisu l-eċċezzjonijiet.

L-ewwel żewġ eċċezzjonijiet nistgħu nqisuhom flimkien għax it-tnejn igħidu illi qiegħed jintalab ħlas żejjed għax:

1. qiegħed jintalab ħlas għal ħwejjeġ illi l-konvenuta ġà ħallset tagħhom;

2. għal xi *items* qiegħed jintalab ħlas aktar minn darba għax jidhru fuq aktar minn fattura waħda; u

3. qiegħed jintalab ħlas għal *items* li kienu tal-konvenuta stess u ma nxtrawx mingħand l-attriċi.

B'dikriet tat-30 ta' Novembru 2000[1] il-qorti ordnat lill-konvenuta tgħid, dwar kull fattura, liema *items* qiegħda

[1] *Fol*. 83.

tikkontesta f'dik il-fattura. Il-konvenuta dan ma għamlitux iżda semmiet biss somma globali bħala l-valur ta' "*goods invoiced twice*"[2]. Madankollu, is-soċjetà attriċi tammetti illi *invoice* għal disa' miljuni u tliet mitt elf lira taljana (LIT 9,300,000) tassew kien dwar merkanzija illi ma nxtratx mingħandha u illi għalhekk il-konvenuta ma għandhiex tħallasha tagħha[3]. Din is-somma għalhekk għandha titnaqqas mill-bilanċ mitlub mill-attriċi.

Is-soċjetà konvenuta tgħid ukoll illi għandhom jitnaqqsu sitta u għoxrin miljun u tmien mija u sebgħa u sebgħin elf lira taljani (LIT 26,877,000) mill-bilanċ għax dan huwa l-valur ta' "*goods of P. Blasina property consigned to Scottoni for shipment to Malta*", u tirreferi għall-fatturi numru disgħa u disgħin (99)[4], dwar *software*, u mija u sbatax (117)[5], dwar "*impianto di sintesi farmaceutiche*", jew apparat ta' laboratorju.

Pietro Blasina, direttur tas-soċjetà konvenuta, igħid illi dawn l-*items* tniżżlu fuq il-fattura biex ikunu jistgħu jgħaddu mid-dwana, b'dan illi kellhom ikunu paċjuti ma' fatturi[6] maħruġa mis-soċjetà *ellepibi s.r.l.*, soċjetà oħra ta' l-istess Blasina, li tagħha kienu dawn l-*items*[7]. Silvano Scotone, direttur ta' l-attriċi, min-naħa l-oħra jgħid illi dawn l-*items* tassew inbigħu lill-konvenuta mill-attriċi.

F'dan il-kuntest huwa relevanti dak li kiteb Blasina f'ittra tat-30 ta' Diċembru 1997[8] fejn jilmenta dwar "*materiali surplus*" konsenjati mill-attriċi li daħħlu lill-konvenuta fi spiża żejda u għalhekk talab lill-attriċi teħodhom lura. Dwar l-apparat ta' laboratorju jgħid illi "*è lo stesso discorso*". Ma jagħmilx sens illi l-konvenuta tilmenta illi l-attriċi ikkonsenjatilha u talbitha tħallas għal aktar milli l-konvenuta riedet u kienet teħtieġ jekk ikkonsenjatilha dak li kien ġà tagħha stess.

---

2 Dok. PB1, *fol*. 90.

3 Ara x-xhieda ta' Silvano Scottone, rappreżentant tas-soċjetà attriċi, ,fis-seduta tad-19 t'Ottubru 2001, *fol*. 113.

4 *Fol*. 22.

5 *Fol*. 27.

6 Dok. 3, *fol*. 89.

7 Ara l-*affidavit* ta' Pietro Blasina maħluf fis-27 ta' Frar 2001, *foll*. 86 *et seqq*.

8 Dok. SUB8, *fol*. 99.

Għal din ir-raġuni l-qorti ma taqbilx illi l-valur tal-fatturi 99 u 117 għandu jitnaqqas.

Ngħaddu issa biex inqisu l-aħħar eċċezzjoni, li tgħid illi l-merkanzija ma kinitx tal-kwalità miftiehma.

Tassew, mix-xhieda ta' Pietro Blasina, direttur tas-soċjetà konvenuta, jidher illi, ħlief għal *demineralizzatore* li ma ħadimx sew għax ma kienx maħsub għall-kwalità ta' ilma li hawn Malta, l-ilmenti tal-konvenuta huma dwar difetti moħbija aktar milli dwar nuqqas ta' konformità mal-kwalità miftiehma.

L-ilment dwar difetti moħbija ma jistax jintlaqa' mhux biss għax il-konvenuta ma ressqitx l-azzjoni relativa fiż-żmien li tagħti l-liġi iżda wkoll għax ma għamlitx il-prova illi tassew kien hemm dawk id-difetti. Anzi, ix-xhud Bruno Romanò, li kien wieħed mid-diriġenti tas-soċjetà konvenuta fiż-żmien meta saret il-konsenja, xehed illi "*l'impianto funzionava regolarmente*"[9], u illi n-nuqqasijiet bdew jidhu wara sena ta' użu u, aktar milli ħsarat, kienu *parts* li kellhom jinbidlu bħala parti mill-manutenzjoni ordinarja u wkoll għax il-konvenuta ma kinitx tuża "*l'additivo anti-corrosivo*" li kien meħtieġ[10].

Dwar id-*demineralizzatore* illi ma ħadimx sew minħabba l-kwalità ta' l-ilma ta' Malta, ma saritx prova illi kienet l-attriċi illi offriet prodott li ma kienx tajjeb għall-użu li għalih kien maħsub jew kinitx il-konvenuta li għażlet il-prodott bla ma stipulat li kellu jkun tajjeb speċifikament għall-użu f'Malta. Fin-nuqqas ta' din il-prova l-eċċezzjoni tal-konvenuta, mibnija fuq il-premessa illi l-kwalità nieqsa tassew kienet waħda "pattwita", ma tistax tintlaqa'.

Fadal li nqisu l-kwistjoni msemmija fin-nota ta' osservazzjonijiet tas-soċjetà konvenuta dwar ħlas ta' ħamsa u ħamsin miljun, għoxrin elf, erba' mija u għaxar liri taljani (LIT 55,020,410). Din is-somma kienet il-meritu ta' kawża oħra, magħmula mis-soċjetà *CO.M.IND. s.r.l.* kontra s-soċjeta konvenuta[11], li mxiet flimkien ma' din il-kawża u nqatgħet minn din il-qorti fil-31 ta' Mejju 2004, u li issa qiegħda quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

---

[9] Ara x-xhieda ta' Bruno Romanò fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2004, *fol.* 207 .

[10] *Ibid. fol.* 209.

[11] Ċitazzjoni nru 630/1999.

F’dik il-kawża l-konvenuta, li hija l-istess konvenuta fil-kawża tallum, kienet qalet illi dak il-ħlas kien sar mhux lis-soċjetà attriċi fil-kawża tallum iżda lis-soċjetà *CO.M.IND. s.r.l.*, attriċi fil-kawża l-oħra, iżda din il-qorti fis-sentenza tagħha tal-31 ta’ Mejju 2004 kienet sabet illi l-ħlas kien sar lill-attriċi tallum. Fid-dawl ta’ dan, il-konvenuta qiegħda tgħid illi allura l-ħlas għandu jitnaqqas mill-bilanċ dovut lill-attriċi tallum.

Fil-fatt iżda, kif jingħad ukoll fis-sentenza tal-31 ta’ Mejju 2004, irriżulta illi dak il-ħlas ġà tnaqqas meta l-attriċi tallum waslet għall-bilanċ minnha mitlub, u għalhekk ma huwiex il-każ li jitnaqqas għal darba oħra.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta’ l-kawża u tiddisponi kemm mit-talbiet ta’ l-attriċi kif ukoll mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuta billi tgħid illi l-bilanċ mitlub mill-attriċi għandu jonqos b’disa’ miljuni u tliet mitt elf lira taljana (LIT 9,300,000) u għalhekk tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi daqskemm kienu jiswew f’munita ta’ Malta bil-kambju ta’ dakinhar meta kienet preżentata ċ-ċitazzjoni ħamsa u tmenin miljun, mitejn u disat elef u mitejn lira taljana (LIT 85,209,200) u tnejn u erbgħin elf, tliet mija u ħamsa u tmenin dollaru amerikan ($ 42,385), flimkien ma’ l-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni.

L-ispejjeż ġudizzjarji li solitament ikunu ntaxxati għandhom jinqasmu hekk: parti minn għaxra ($^{1}$/10) tħallasha s-soċjetà attriċi u disa’ partijiet minn għaxra ($^{9}$/10) tħallashom is-soċjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------